**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Eman Zammit**
**Clayton Fava**

**Seduta tad-Distrett Valletta**

**Illum 1 ta' Settembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Eman Zammit** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 506579 (M) u **Clayton Fava** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 345887 (M) billi huma akkuzati talli nhar is-16 ta' Awwissu 2015 bejn id-disa' u l-hdax ta' filghodu (09:00hrs-11:00hrs) gewwa l-Belt Valletta u f'dawn il-gzejjer:

1) Bil-hsieb li jisirqu ghodod u materjal tal-bini ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew persuna/i u/jew entita/jiet ohra wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq huwa aggravat bil- valur ta' izjed minn € 232.94 u bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 266 u 267;

2) U aktar talli dahlu gewwa art restritta ghall pubbliku li taghmel parti mill-bini tal-Parlament ta' Malta li jinsab gewwa l-Belt Valletta minghajr il-permessi necessarji u bil-mezz imsemmi fl-Artikolu 266 tal-Kapitlu 9 dan bi ksur tal-Artikolu 330 (a) (b).

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom recidivi ai termini tal-Artikoli 289, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew misjuba hatja b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fis-16 ta' Awwissu 2015 fejn iz-zewg imputati nstabu gewwa art ristretta ghall-pubbliku li taghmel parti mill-bini tal-Parlament ta' Malta. Iz-zewg

imputati biex ghamlu dan skalaw minn zewg rixtelli u qalu lill-pulizija li sabhom ma' wiccu li kienu dahlu hemm biex jistkennu mix-xita.

Il-Qorti taghmilha cara mill-ewwel li mhix temmen lill-imputati li dahlu hemm biex jistkennu mix-xita u dan ukoll ghaliex ma taw l-ebda spjegazzjoni kif kienu jinsabu hemm fejn ghandhom access ghalih biss il-haddiema li qeghdin iwettqu xi xoghlijiet u m'hemm l-ebda attrazzjoni partikolari ghall-pubbliku.

Qabel ma' l-Qorti tibda taghmel il-konsiderazzjonijiet legali taghha dwar il-kaz, fic-cirkostanzi thoss li huwa f'loku li jsiru dawn ir-rimarki dwar s-sigurta' tal-Parlament u l-*media*.

## SIGURTA' GHALL-BINI TAL-PARLAMENT

Il-Qorti tfahhar il-hidma li wettqu l-membri tal-Korp tal-Pulizija assenjati ghas-sigurta' tal-Parlament fejn irnexxilhom jaqbdu lill-imputati f'zona qabel jidhlu ghall-bini propju tal-Parlament.

Il-Qorti tinnota li z-zewg rixtelli li skalaw l-imputati biex waslu fejn waslu m'huma siguri xejn u li kieku min wasal sa hemm kellu intenzjonijiet hziena kien jikkaguna hsara li kienet tassew tohloq sitwazzjoni ta' thassib. Il-fatt li z-zewg imputati waslu b'facilita' sa fejn waslu fiz-zona esklussiva tal-Parlament ghandu johloq thassib u piz fuq min ghandu jwettaq xi xoghlijiet infrastrutturali li fadal biex ix-xoghol ikun komplut. Il-Qorti tifhem li certu xoghlijiet infrastrutturali jiehdu z-zmien specjalment f'Malta u f'Ghawdex imma zgur li mhux accettabbli li fejn ghandek binja

ta' importanza nazzjonali bhal ma hu l-Parlament ikollok xoghol mhux komplut ghall-ahhar specjalment fejn jidhlu mizuri ta' sigurta'. Jkollok kemm ikollok persuni inkarigati mis-sigurta', jkunu efficjenti kemm ikunu, zgur ma jkunux jistghu jilqghu ghal nuqqasijiet ta' xoghol mhux komplut.

Il-Qorti qieghda taghmel dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

1. Id-dahla tal-mina tal-ex stazzjon tal-ferrovija ghandha tinghalaq sa fuq permezz ta' xibka tal-hadid. L-uzu ta' xibka – u mhux gheluq totali - huwa necessarju minhabba l-fatt li s-sistema ta' ventilazzjoni tal-binja tiehu l-arja minn din id-dahla.
2. Id-dahla minn fejn jidher li dahlu l-imputati ghandha tinghalaq kompletament u minbarra l-kancell ghandu jkun hemm pjanci, kif fil-fatt hemm fuq naha wahda tal-kancell ezistenti, sabiex ma jkunx hemm possibilità li jintefa' xi oġġett fl-*area* msemmija.
3. Ghandu jsir kancell fid-dahla tal-mina d-dejqa li taghti ghad-*ditch* fejn twahhal it-taraġ tal-hadid, u dan jinzamm maghluq sakemm jitlesta x-xoghol f'dik l-*area*.
4. Ghandhom jitwahhlu *cameras* f'dawn l-*areas* li fil-prezent mhumiex koperti:
    a. Il-mina tal-ex stazzjon tal-ferrovija fejn ġej l-arkivju tal-Parlament;

b. Id-*ditch* b'mod li jkunu jistghu jiġu sorveljati kemm l-entratura tal-ex stazzjon tal-ferrovija kif ukoll id-dahla tal-mina adjacenti fejn hemm it-taraġ tal-hadid;

5. Meta jkun hemm attività fil-bini tal-Parlament u fid-dintorni barra l-hinijiet normali tax-xoghol, in-numru ta' pulizija ghandu jizdied.

6. Ghandu wkoll isir ezercizzju ta' *risk assessment* fuq bazi regolari li jkopri l-aspetti kollha tas-sigurtà tal-binja sabiex jekk jinhass il-bzonn jiġi rivedut il-pjan tas-sigurtà tal-binja tal-Parlament minn zmien ghal iehor.

7. Ghandha tiġi stallata *guard tour system* sabiex ikun hemm *log* tal-*patrols* li jsiru mill-pulizija fil-binja tal-Parlament u madwarha.

Il-Qorti thoss li l-mod kif twasslet l-ahbar lill-pubbliku seta' holoq thassib bla bzonn ghaliex l-imputati ma kellhom xejn fuqhom li seta' wassal biex issir xi hsara fuq il-binja tal-Parlament jew min ikun fih.
L-imputati lanqas kellhom fuqhom xi strumenti li setghu juzaw biex iwettqu xi hsara u lanqas iwettqu xi serqa. Kull ma kellhom fuqhom kien anqas minn ghaxar Ewro u *mobile phone*.

## IL-*MEDIA*

Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna biex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. Izda f'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu u ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.

Illi tajjeb li Gudikant meta jkun qieghed jiddecidi ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat izda l-Gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[1] dwar dan:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*** (enfasi ta' din il-Qorti).

U kif isostni l-**Archbold** meta jitkellem dwar ***Seriousness*** [22-6] jghid li:

> *"The seriousness of an individual case should be judged on its own dimensions of harm and culpability rather than as part of a collective social harm. It is legitimate for the overall approach to sentencing levels of particular offences to be guided by their cumulative effect. However, it would be wrong to further penalise individual offenders by increasing sentence length for committing an individual offence of that type."*

[1] (1974) 60 Cr. App. R. 74

## IT-TENTATTIV

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputati qed jigu addebitati b'tentattiv ta' serq aggravat.

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal- Kapitolu 9 li jiddisponi illi:

**"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."**

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz tal-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi kkontemplat.

Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tentattiv u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma jkunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

> ***"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."***

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

> ***"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute***

***the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."***

Illi l-ahhar element legali li jsawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat. Izda jista' jisussisti ukoll it-tentattiv tar-reat jekk il-hati jieqaf minn jeddu u f'dana il-kaz huwa jkollu l-impunita u jehel il-piena ghal dawk l-atti li ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.

Ighid il-Pofessur Mamo:

**"The law is satisfied if the desistance is voluntary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will … The concept of voluntary desistance includes both the forbearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects."**

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami u c-cirkostanzi kif zviluppaw f'dan il-kaz u l-provi li ngabu quddiem din l-Qorti, l-imputati ma jistghux jinstabu hati ta' tentattiv ta' serq b'l-aggravji indikati fic-citazzjoni.

**ARTIKOLU 330 TAL-KAP 9**

Illi l-imputati jinsabu akkuzati bil-ksur tal-artikolu 330 tal-Kap 9 li jghid:

*Fil-kaz ta' dhul f'dar jew lok iehor jew f'recint b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266, ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor, l-akkuzat, ghall-fatt biss tad-dhul hawn fuq imsemmi, jehel, meta jinsab hati –*

*(a) jekk mic-cirkostanzi jkun jidher li l-hsieb tal-hati kien li jaghmel serq jew hsara lil proprjetà jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d), inkella jekk jiġi ippruvat li hu kien ġa ġie kkundannat ghal xi reat minn dawn jew ghal wahda mill-kontravvenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 338(i) u (w), il-piena ta' priġunerija minn hames xhur sa tmintax-il xahar;*

*(b) f'kazijiet ohra, il-piena ta' priġunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*

Mix-xiehda prodotta mill-prosekuzzjoni jigifieri dik tal-Ufficjal Prosekutur, u ta' PC 143 Stephen Grech, PS 88 Aldo Cassar u PS808 Clive

Borg flimkien mar-ritratti u d-dokumenti esebiti, l-imputazzjoni tirrizulta u l-imputati se jinstabu hatja taghha.

**IR-RICEDIVA**

Illi permezz tal-ahhar imputazzjoni l-imputati qeghdin jigi addebitati bir-recidiva.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat zewg sentenzi, wahda ghal kull imputat u cioe dawk datati:

• 29 ta' Lulju 2010 permezz ta' liema l-imputat Clayton Fava gie ikkundannat tmintax (18) -il xahar prigunerija;
• 11 ta' Frar 2011 permezz ta' liema l-imputat Eman Zammit gie ikkundannat sitt (6) xhur prigunerija.

Illi d-difiza fis-sottomissjonijiet taghha qalet li l-prosekuzzjoni kellha tipprezenta bhala prova s-sentenzi originali li nghataw l-imputati u mhux tkun prezentata sentenza informali migjuba mill-internet u kkonfermata bhala vera kopja.

Dwar dan il-punt il-Qorti filwaqt li ghandha r-riservi taghha dwar kif imputat ikun dikjarat ricediv jew le, jekk mhux mis-sentenzi esebiti fil-process jew/u mill-fedina penali li tkun esbita' fil-process. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Appell Kriminali Inferjuri Il-**Pulizija vs**

**Theodosius sive Dennis Baldacchino et** tas-7 ta' Jannar, 2010 moghtija mill-Imhallef Joseph Galea Debono tratta b'mod estensiv dwar dan:

> **"Din il-Qorti kienet ghamlet riferenza ghall-awturi Taljani w senjatament ghall-MANZINI w il-BORGHESE.**
>
> **Il-MANZINI (Trattato Di Diritto Penale Italiano, Vol. II, Parte I, p.774 u 775) jikkumenta hekk :**
>
> ***"La recidiva deve essere contestata in specie e grado, cosi' che non si puo' passare, senza nuova contestazione, dalla recidiva semplice alla aggravata. Ma l'obbligo della contestazione sussiste soltanto allorche' si debba valutare la recidiva come aggravante; non quando la recidiva e' considerata come ostacolo alla concessione d' un beneficio (es. diminuzioni facoltative, condanna condizionale, indulto, amnestia), nella quale ipotesi se ne deve tener conto anche se non sia stata contestata."***
>
> ***"Se la sentenza anteriore o il certificato penale non fossero stati allegati al processo o se la circostanza della recidiva non fosse stata in alcun modo contestata, o se il giudice non avesse applicato l'aggravamento, il giudice di appello non potrebbe applicarlo, qualora il pubblico ministero non avesse appellato su tal punto"***
>
> **Il-BORGHESE - "Codice Penale Italiano" (1953) p.175 jikkummenta li :**

*"Normalmente la recidiva risulta dal certificato del casellario guidiziale; le annotazioni di questo pero' non avendo carattere costitutivo, ma solo certificativo, la recidiva puo' trarsi, indipendentemente da esso, da altro documento, come la copia autentica o l' estratto di una sentenza di condanna*. **(Cass.9 maggio 1934, Garolla , In Giust.pen., 1935 , II, 234) u jkompli jghid :**

*"...Per la contestazione della recidiva basta la lettura in udienza dei precedenti penali ....*"

**Din il-Qorti kienet irriteniet li s-soluzzjoni jidher li tinstab proprju fid-distinzjoni li jaghmel il-Manzini fuq citata fejn jghid li biex tinstab htija ta' recidiva biex isservi ta' aggravanti tar-reat, din tkun riedet giet kontestata lill- akkuzat espressament jew fl-istess akkuza jew f'xi talba jew sottomissjoni tal-prosekuzzjoni. Pero' ma hemmx il- htiega li dan isir biex Qorti ta' gustizzja penali tiehu kont tar-recidiva ta' akkuzat biss ghall-fini tal-erogazzjoni tal- piena meta tkun qed tikkonsidra xi diminuzioni fakultattiva fil-piena, xi kundanna kondizzjonali, ecc. kif inhu l-kaz odjern.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-process (fols. 3 u 4) jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet esebiet quddiem l-Ewwel Qorti l-fedina penali tal- appellat Theodosius Baldacchino proprju mac-citazzjoni. Issa minn din il-fedina penali jirrizulta li l-appellat sad-data tal-kommissjoni tar-**

**reat ammess minnu f' din il- kawza kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati ta' delitt relatat mal-ligijiet tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud fl-20 ta' Jannar, 2004, kif fuq inghid.**

**Ghalhekk f' dan il-kaz, bhal fil-kaz ta' Abela, meta l-Ewwel Qorti giet biex tapplika l-piena, una volta li quddiemha kellha l-fedina penali tal-appellat w, una volta li fuq il- korretteza ta' din il-fedina penali ma rrizulta li kien hemm ebda kontestazzjoni, w ladarba minn din il-fedina penali kien jirrizulta ampjament li l-appellat kien recidiv, imissha ma applikatax l-artikolu 28A zbaljatament kif fil-fatt ghamlet.**

**Din il-Qorti thoss li ghandha terga' temfasizza illi huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal- hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f' mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi. Ma jidhirx li dan sar mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz ghax kieku din kienet tinduna mill-ewwel li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza lill-appellat Theodosius Baldacchino."[2]**

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[2] Appell Kriminali Inferjuri Nru. 384/2009

Illi l-artikolu 49 jistabilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva u cioe jekk, *wara li tkun ġiet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor*. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront tal-imputat recidiv tista' tizdied bi grad.  Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

*Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi żmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet mahfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn hames snin, jew fi żmien hames snin, fil-każijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor*.

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l- imputat irid ikun skonta il-perjodu ta' prigunerija gia impost fuqu.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

*Minghajr preġudizzju ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena moghtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx dahlet fis-sehh ghandha, ghall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv.*

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

*Meta l-qorti tkun qeghda tittratta ma' hati dwar reat, li ghalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża*, *hija*

*ghandha tqisu bhala reċidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jisthoqq ghal dak ir-reat liehor, iżda l-piena moghtija fis-sentenza sospiża ma ghandhiex titqies ghall-finijiet tal-artikolu 50 hlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet issehh u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew mahfura.*

Illi ghalhekk sentenza sospiza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta' l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata.

## IL-PIENA

Il-Qorti dwar il-piena qieset dak li qalet il-Qorti tal-Appell fejn enfasizzat li *"kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal- hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f' mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi"*[3]

**Il-Qorti qieset ukoll li qieghda tinstab htija dwar l-imputazzjoni tnejn (2) minhabba li l-imputati kienu ga gew *"kkundannat ghal xi reat minn dawn"*. U ghalhekk meta qeghdin jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni, l-imputati se jkunu qeghdin ihallsu ghal dak li ghamlu**

[3] Appell Kriminali Inferjuri Il-**Pulizija vs Theodosius sive Dennis Baldacchino et** tas-7 ta' Jannar, 2010 per l-Imh. Joseph Galea Debono.

**fil-passat u ghalhekk din il-Qorti se tkun attenta li fil-piena taghha ma tkunx qieghda zzid piz fuqhom li m'ghandhom jerfghu u dan b'referenza ghar-ricediva.**

Il-Qorti kif preseduta temmen li persuna ghandha tithallielu tieqa ghall-futur, *a window of opportunity*. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979)[4]:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character"* (p.236)

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta'*

[4] Kif ikkwotat mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali Numru 178/2008 **Il-Pulizija v Rittmar Hatherly, u Justin Farrugia.**

*minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghdin jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom. Minn din il-fedina penali jirrizulta li tul is-snin l-imputati instabu hatja ta' diversi reati, l-imputat Eman Zammit kellu 15 –il kawza u l-imputat Clayton Fava kellu 8 kazijiet, u inghataw diversi opportunitajiet mill-Qrati inkluz diversi ordnijiet ta' probation. Jidher car li dawn il-mizuri li ttiehdu minn zmien ghal zmien ma hallewx ir-rizultat mixtieq u l-imputati ghadhom m'gharfux jirrijabilitaw lilhom nfushom. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-unika piena li tista' taghti hija wahda karcerarja izda se taghti opportunita' lill-imputati li jibdew bidu gdid u jiehdu l-kura li ghandhom jiehdu qabel ikun tard wisq, ghaliex filwaqt li min qieghed jipprovdilhom id-droga jista' jkun qieghed jiftah il-kontijiet fil-banek, ghalihom hemm lest qabar bil-kaptelli diga' miftuha jekk ma jaghzlux il-hajja flok il-qerda. Il-Qorti se tghinhom f'dan permezz ta' ordni ta' supervizzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 28G, 49, 50, 266, 267, 264, 289 u 330 (a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni, izda issib lill-

imputati hatja tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom hames xhur prigunerija kull wiehed.

Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputati ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandhom jitnaqqsu miz-zmien li l-imputati iridu jiskontaw fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin in konnessjoni ma' din is-sentenza.

B'applikazzjoni ta' l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 il-Qorti qed tpoggi lill-imputati taht **Ordni ta' Supervizzjoni ghal perjodu ta' erbgha (4) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghotija kontestwalment.

Ghal dan il-ghan, il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ghal Probation Services.

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk ma joqghodx ghall-htigijiet ta' l-Ordni ta' Supervizzjoni.

_______________________

Ft./Dr Joseph Mifsud
Magistrat

Vera Kopja

_______________________

Margaret De Battista
Deputat Registratur